**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Illum 5 ta' Gunju 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Xerri)**

**vs**

**Nasir Aydiid Aabi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

Nasir Aydiid Aabi, ta' 43 sena, iben Aydiid Aabi u Amina nee' Dahir, imwieled fis-Somalia nhar l-01/01/1976, minghajr indirizz fiss, u detentur tal-karta tal-Identita' Maltija bin-numru 0083308A.

Akkużat talli fil-lejl ta' bejn id-29 u it-30 ta' Mejju, 2019 ghal habta ta' nofs il-lejl neqsin ghoxrin (2340hrs) gewwa Triq Sant' Andrija, San Giljan:

1. Ikkommetta serq ta' mobile phone tal-valur ta' €300 ghad-dannu ta' Diego Useda, liema serq huwa kkwalifikat bil-'valur' u bil-'hin';
   Artikoli 261 (c) (f), 267, 270, 279 (a), 280 (1), u 281 (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Hebb kontra l-persuna ta’ Diego Useda sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmillu l-hsara:

   Artikolu 339 (1) (d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Irrenda ruhu recidiv b’diversi sentenzi tal-Qrati tal-Magistrati, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

   Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data u fix-xhur ta’ qabel gewwa dawn il-gzejjer:

4. Ghex hajja ta’ ghazz u vagabundagg;

   Artikolu 338 (w) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, ma’ kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi ttrattata u deciza bil-procedura sommarja, u semghet id-dikjarazzjoni tal-imputat li hu ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi hekk trattata u deciza.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat li l-imputat wiegeb li hu hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bis-serjeta tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u senjatament li l-piena massima ghal dawn l-imputazzjonijiet hija ta’ seba (7) snin prigunerija, multa ta’ €1164.69, kif ukoll jitlef id-depositu ta’ €1000 li ghamel biex jinghata l-bail u l-garanzija personali ta’ €3000 li kienet wahda mill-kundizzjonijiet tal-bail trid tithallas lill-Gvern ta’ Malta, u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu sabiex jara jekk iridx jirrevedi l-posizzjoni tieghu.

Meta regghet issejhet il-kawza, il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed biex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu ghal darba darbtejn, pero’ flok wiegeb il-mistoqsija, l-

imputat iddikjara ripetutament li hu hati. Fuq domanda tal-Qorti xi jwiegeb ghall-imputazzjonijiet, l-imputat ikkonferma li hu hati.

Semghet trattazzjoni mill-partjiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Mill-provi prodotti u mill-ammissjoni tal-imputat stess, il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fatt li in sostanza huwa ikkopera mal-pulizija u li l-mobile phone gie ritornat lil sidu qabel inbdew dawn il-proceduri, ghalkemm irid jinghad li mill-atti jirrizulta li l-imputat inqabad flimkien ma’ komplici tieghu *in flagrante* fil-pussess tal-mobile misruq.

Il-mobile phone kien jiswa tlett mitt Euro (€300), li mhux xi ammont sostanzjali, ghalkemm is-serq huwa aggravat ukoll bil-hin. Fit-trattazzjoni orali, l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li dan il-mobile phone ma giex dannaggat fl-incident.

L-imputat kiser ukoll d-digriet ghal helsien mill-arrest fuq imsemmi stante li ma kienx qed jiffirma l-Ghassa tal-Pulizija kif ordnat f’dan id-digriet, ikkommetta r-reat ta’ serq fuq imsemmi, kif ukoll gie arrestat mill-Pulizija f’San Giljan wara li kien skada l-hin tal-inkazar stipulat f’dan id-digriet.

Ghalhekk jidher li l-imputat ghandu problema jobdi l-ordnijiet tal-Qorti.

Mill-fedina penali tal-imputat huwa diga instab hati minn dawn il-Qrati tlett darbiet ohra ta’ serq, u darba inghata *conditional discharge* u darba ohra sentenza sospiza, izda jidher li l-imputat ma uzufruwixxiex ruhu mill-opportunitajiet li tawh dawn il-Qrati li jirriforma ruhu.

It-tielet darba inghata sentenza ta’ prigunerija effettiva ta’ tmintax-il xahar habs, pero jidher li l-imputat xorta ma tghallem xejn, u rega’ kkommetta dan ir-reat ta’ serq.

In oltre, l-imputat ghandu zewg kundanni ohra ghal diversi kontravvenzjonijiet.

Il-Qorti ikkunsidrat ulterjorment li ghal fini ta’ piena, it-tieni u l-hames imputazzjonijiet, li huma kontravvenzjonijiet huma assorbiti fid-delitti kontemplati fl-ewwel u r-raba’ imputazzjonijiet, u dan ai termini tal-Artikolu 17(d) tal-Kodici Kriminali.

Il-piena tal-imputat ghandha ai termini tal-Artikolu 337(2) tal-Kodici Kriminali titnaqqas b’zewg gradi stante li l-imputat irritorna lura l-oggett misruq lil sidu qabel bdew dawn il-proceduri kriminali. Pero, dan il-beneficcju qed jigi newtralizzat bil-fatt li fl-opinjoni tal-Qorti il-piena ghandha tizdied bi tlett gradi ai termini tal-Artikolu 289 tal-Kodici Kriminali, stante li din hija t-tielet darba li l-imputat instab hati ta’ serq, u konsegwentement il-piena ghandha tizdied effettivament bi grad wiehed.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, fl-opinjoni ta’ din il-Qorti l-imputat ghandu jinghata piena karcerarja effettiva. Inoltre, skond il-ligi, f’kaz ta’ ksur ta’ bail, id-depozitu u l-garanzija personali preskritti fid-digriet tal-bail, bil-fors iridu jghaddu favur il-Gvern ta’ Malta.

Inoltre, il-Qorti hija tal-opinjoni li d-digriet tal-helsien mill-arrest tieghu ghandu jigi revokat, u l-imputat ghandu jerga’ jigi arrestat.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 261(c) u (f), 267, 270, 279(a), 280(1), 20, 337(2), 339(1)(d), 49, 50, 289, 579, 338(w) u 17(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta’ tletin (30) xahar prigunerija.

Inoltre il-Qorti tirrevoka id-digriet tal-ghoti mill-helsien mill-arrest tal-25 ta' Novembru 2015 moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), preseduta mill-Magistrat Dottor Doreen Clarke, u tordna l-arrest mill-gdid tieghu.

Il-Qorti tordna li d-depozitu ta' elf Euro (€1,000) li l-imputat iddepozita ai termini tad-digriet fuq imsemmi tghaddi favur il-Gvern ta' Malta u tordna lill-imputat ihallas lill-Gvern ta' Malta il-garanzija personali ta' tlett elf Euro (€3,000) stabbilita fid-digriet fuq imsemmi, u fin-nuqqas, dan l-ammont, jew kull bilanc minnu dovut, jigu konvertiti fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**